MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Mandat Numru. 576/2008/1

**Roberto Abdilla 42877(M)**

**versus**

**Sergio Attard ID 488058(M)**
**Raymond Zammit ID 250659(M)**
**Raymond Auto Dealer Ltd (C9850)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' April, 2008;

Rat illi r-rikorrenti irtira r-rikors tieghu fil-konfront ta' l-intimat Raymond Zammit, ghalhekk tirrevoka 'contrario

imperio’ id-digriet taghha tat-18 ta’ April 2008 fil-konfront ta’ Raymond Zammit;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-provi li tressqu u l-atti kollha;

Rat illi Sergio Attard, debitament notifikat, ma wiegibx fiz-zmien moghti lilu;

Rat il-verbal taghha tat-8 ta’ Mejju 2008 u senjatament it-talba tar-rikorrent sabiex tiddikjara illi s-socjeta’ Raymond Auto Dealer Limited giet notifikata fit-18 ta’ April, 2008;

Rat l-affidavit tal-Marixxal Raymond Falzon (a fol. 88);

Rat l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 u tiddikjara illi s-socjeta’ intimata giet notifikata fit-18 ta’ April, 2008;

Rat illi r-rikorrenti issodisfa ir-rekwiziti tal-Artikolu 873 tal-Kap 12;

Ghaldaqstant tilqa’ t-talba fil-konfront ta’ l-intimati kollha hlief ghall-intimat Raymond Zammit;

Bl-ispejjez kontra l-intimati Sergio Attard u Raymond Auto Dealer Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------